# DUN ĠORĠ MA RIEDX TITLI

ROBERT ALOISIO/robertaloisio@gmail.com





Dik leħja ta' Monsinjur!

"L-unuri lill-knejjes u t-titli lill-kleru mhumiex se jaqtgħu l-għatx ta' dawk li qegħdin ifittxu l-Aħbar it-Tajba f'dinja ta' aħbarijiet ħżiena. Jitimgħu biss il-kburija vojta, il-preżunzjoni u r-rivalità tal-poplu ta' Alla.

"Li ninkoraġġixxu jew nittoleraw tip ta' saċerdozju, anke fost rekluti żgħażagħ, bħala t-triq għal pożizzjoni soċjali, poter, titli u insinji se jkompli biss jipperpetwa t-tip ta' klerikaliżmu li jagħmel il-Knisja irrilevanti. L-istess jista' jingħad għal liturġija u prietki mwaħħlin f'lingwaġġ glorifikat imma bla sens f'isem 'ortodossija' falza jew 'fedeltà' għal tradizzjonijiet mejtin".

Hekk kiteb tliet ġimgħat ilu fis-Sunday Times of Malta, Pawlu Chetcuti, il-Ġiżwita anzjan b'qalb żagħżugħa, f'artiklu qasir imma jaqta' fl-laħam il-ħaj, bl-isem "A San Damiano moment for the local Church".

## IL-KLERIKALIŻMU

F'dawn l-aħħar snin, fil-Knisja Maltija qegħdin naraw ruxxmata titli ġodda lil knejjes u saċerdoti. Bażiliċi, knejjes arċipretali u l-bqija. U numru mhux żgħir ta' qassisin żgħażagħ jedhew fl-ilbiesi u ċ-ċerimonji. Tendenza li tmur kontra dak li jipprietka u jgħix il-Papa Franġisku. Papa li ma jarawhx ħelu dawk li huma ankrati fil-passat medjevali. Iżda, fuq kollox, tendenza li tmur kontra dak li pprietka u għex Ġesù Kristu, li ħabb u għex il-faqar u li żgur ma kienx jiddeletta bit-titli u l-ilbies sabiħ.

Papa Franġisku, f'intervista li kellu s-sena l-oħra, irrakkonta kif isqof qallu, "li mar Euroclero – ħanut ta' ħwejjeġ tal-qassisin ħdejn Pjazza San Pietru, fil-Vatikan – biex jixtri qmis, u hemm sab qassis żagħżugħ li lanqas kellu 25 sena ... kien qed jipprova xi affarijiet, bħal mant klerikali b'żewġ medaljuni tal-fidda, u jara lilu nnifsu fil-mera biex jara kif jidher. L-Isqof baqa' jħares lejh u ma riedx jemmen.

"Il-qassis żagħżugħ imbagħad ipprova kappell, *cappello romano*, u l-isqof kien għadu ma jridx jemmen lil għajnejh. Sewwa, dak il-flien, b'dak il-ħwejjeġ klerikali fuqu, kien aktar mundan minn kwalunkwe qassis ieħor li jħobb lil Ġesù anke jekk dan ikun liebes qmis." (Il-Qawwa tal-Vokazzjoni)

## PERVERŻJONI TAL-ĦAJJA TAL-KNISJA

Papa Franġisku jkompli jgħid fl-istess intervista li, "waħda mill-konsegwenzi ta' formazzjoni skorretta li tinkwetani l-aktar hija l-klerikaliżmu. Bla dubju, din hija waħda mill-aktar perverżjonijiet serji ... fil-ħajja tal-Knisja; għalhekk irridu noqogħdu attenti ħafna minnha ... fil-formazzjoni tas-seminaristi fid-djoċesijiet ... tipperverti dik li hi n-natura tal-Knisja, tal-poplu qaddis u fidil ta' Alla, kif tistqarr il-Kostituzzjoni Konċiljari Lumen Gentium. Din hija kbira għax lill-Poplu ta' Alla se jaqdu.

"Wieħed mhemmx bżonn ikun membru tal-kleru biex ikun klerikali. Hemm klerikaliżmu li jimmanifesta ruħu f'nies li jgħixu b'attitudni ta' 'segregazzjoni', b'imneħirhom imxammar, jissegregaw b'mod ħażin. Jgħixu bħallikieku għandhom irwol aristokratiku fejn l-oħrajn. Il-klerikaliżmu huwa artistokrazija ... Dan jidher fl-attitudnijiet ta' min jikkunsidra ruħu 'l fuq mill-poplu qaddis u fidil ta' Alla.

"Meta jkun hemm il-klerikaliżmu, l-'aristokratiżmu', l-'elitiżmu', il-Poplu ta' Alla mhuwiex hemm, u dan hu li fl-aħħar mill-aħħar jorjentak ... hija dik il-qrubija man-nies fil-parroċċa; dawk fl-iskola, il-ġenituri tat-tfal, kif ukoll it-tfal infushom; dawk fl-isptar, il-morda, dawk li jorjentawk.

"Ir-reliġjuż klerikali mhuwiex inserit. U hemm qiegħda ċ-ċavetta. Il-kelma 'inseriment' hija ċ-ċavetta ... il-klerikaliżmu huwa l-oppost tal-inseriment. Il-klerikalista huwa parti minn *elite*, u ma jarax lilu nnifsu fin-nies. U dak jista' jkollu konsegwenzi, speċjalment meta l-poter jitħaddem ħażin.

"Kif naraw, il-klerikaliżmu huwa l-għerq ta' ħafna problemi. Anke wara l-każijiet ta' abbuż, barra l-immaturità u n-nevrożi, hemm il-klerikaliżmu. Wieħed irid joqgħod attent ħafna minn dan matul il-formazzjoni. Jeħtieġ tiddixxerni u tgħinhom jiċċaraw l-immaturità u takkumpanjahom fi żvilupp san." (Il-Qawwa tal-Vokazzjoni)

## DUN ĠORĠ MA FITTIXX UNURI

Patri Alexander Bonnici jgħid li s-saċerdot qaddis Malti "Dun Ġorġ Preca kien iħossu mimli bil-hena għall-fatt li Alla sejjaħlu biex ikun ministru tiegħu bħala saċerdot. L-hena ma kienx fid-dinjità tiegħu imma fis-servizz li kien qed jagħti. Hu kien jidħak b'dawk il-boloh li jixxennqu għad-dinjità u għall-unuri fihom infushom." (Dun Ġorġ Preca, "Ħajja-Xhieda-Dokumenti, Vol. III", 1989)

Is-soċju Indrì Cortis jirrakkonta li darba, Dun Ġorġ mar jagħmel lezzjoni fil-Museum tal-Ħamrun u wara l-lezzjoni d-diskors waqa' fuq l-unuri li tagħti d-dinja. Biddaħka fuq fommu, Dun Ġorġ kien qal: "Mur ara kieku l-Papa kellu jibgħatli n-nomina ta' kardinal ... Reverendus Georgius Preca, electus Cardinalis"! Waqt li reġa' beda jidħak, qalilhom: "U jien lill-Papa nibgħat ngħidlu: 'Santità, nirringrazzjak ħafna, imma kardinal agħmel lil ħaddieħor'."

Minkejja dan, ħafna, speċjalment qrabatu kienu jistagħġbu kif kważi l-qassisin kollha kienu laħqu xi ħaġa, u Dun Ġorġ, bniedem li għamel tant ġid, qatt ma laħaq xejn. Ma nafux jekk lil Preca qattx offrewlu xi dinjità fid-djoċesi, jew inkarigu, imqar ċkejken fil-parroċċa. Ħuh Albert, biex jinkih xi ftit, kien jgħidlu: "Sħabek kollha laħqu xi ħaġa. Imma int mank sagristan maġġur ma lħaqt!"

## META LIL DUN ĠORĠ GĦAMLUH MONSINJUR

Imbagħad fl-1952, meta Dun Ġorġ kellu 72 sena, l-Arċisqof Mikiel Gonzi għamel rikors lill-Papa Piju XII biex Preca jingħata l-ġieħ ta' Kamrier Sigriet tal-Papa bit-titlu ta' Monsinjur b'apprezzament għall-ħidma kbira tiegħu fil-katekeżi. Dun Ġorġ ma kien jaf xejn b'dan ir-rikors u kieku kien jaf bih ma kienx jaċċetta li jsir.

Il-Vatikan laqa' r-rikors ta' Gonzi fit-2 ta' Ottubru, 1952, u l-biljett tan-nomina jġib il-firma ta' Mons. Giovanni Battista Montini, Sostitut għas-Segretarju tal-Istat. Dan Montini, 11-il sena wara, sar Papa Pawlu VI. L-isem ta' Dun Ġorġ Preca ġie ppubblikat uffiċjalment fid-Djarju tal-Kurja Rumana u beda jidher fl-Annuario Pontificio li kull sena jiġi ppubblikat mill-Vatikan.

Ġimagħtejn wara, fl-20 ta' Ottubru, lil Dun Ġorġ ċemplulu biex imur sal-Kurja kemm jista' jkun malajr. Hu li kien dejjem jibża' jersaq lejn il-Kurja – ma tantx kellu esperjenzi sbieħ fil-passat – beda jaħseb fiex seta' żbalja jew x'seta' għamel xi wieħed mis-soċji tal-Museum. Biex ma jonqosx lill-Arċisqof, Dun Ġorġ qabad karozza tal-kiri ħalli jasal il-Kurja malajr.

## "NEĦĦEJTLI L-FELIĊITÀ LI KELLI!"

Dun Ġorġ sab lil Gonzi jistennieh bi tbissima fuq xufftejh u filwaqt li wrieh il-biljett tan-nomina qallu: "Dun Ġorġ, meta konna s-seminarju, dejjem niftakrek dilettant tal-Latin. Ara hawn



L-ilbies ta' monsinjur li Dun Ġorġ qatt ma libes

x'għandi għalik". Mal-ewwel daqqa t'għajn, Dun Ġorġ fehem x'kien ifisser dak il-biljett. Iżda minflok feraħ, huwa ħassu mnikket, u lil Gonzi qallu: "Eċċellenza, neħħejtli l-feliċità li kelli".

Huwa kien iħobb jgħid, "Lili d-dinja ma offrietli xejn, imma Alla fawwarli qalbi bil-hena." Dun Ġorġ xtaq ma jaċċettax dik l-onorofiċenza, u ma kien jaċċetta qatt li kieku Gonzi ma qallux li dik in-nomina ġiet minn Ruma, u ma kinitx ħaġa ħafifa li tintbagħat lura.

Dun Ġorġ ħareġ imħawwad minn quddiem l-Arċisqof. Fil-Kurja, iltaqa' wkoll mal-isqof qaddis Emmanuel Galea u qallu: "L-Arċisqof sewwidli qalbi u tellifni l-feliċità li kelli". Dan bi tbissima wieġbu, "Mhux sewwidhielek, imma ħammarhielek, għax issa tista' tilbes ta' Monsinjur" u beda jidħak. Galea dar ukoll lejn xi sorijiet li kienu fil-Kurja u qalilhom: "Għidulu benedizzjoni lill-Monsinjur Dun Ġorġ Preca."

Fil-konfużjoni, Dun Ġorġ lanqas ftakar jieħu miegħu l-biljett Papali. Imma dan bagħtuhulu f'daru iżjed tard. Kif wasal lura d-dar mill-Kurja, oħtu Karmena u Bertu staqsewh x'kien ġara. B'wiċċ imnikket, qalilhom, "Ilħaqt monsinjur". Dak il-ħin, ħutu nfexxew jidħku!

## QATT MA LIBES TA' MONSINJUR

Dun Ġorġ, li kulħadd kien jafu b'suttana qadima u bla eleganza, b'kappell li l-pil kien qed jaqagħlu, u b'żarbun goff, issa fi xjuħitu, kien se jkollu bżonn jibdel l-ilbies tiegħu f'ieħor adattat għal Monsinjur. Bħala membru tal-"familja nobbli tal-Papa", illum magħrufa bħala l-Kamra Pontifiċja, Dun Ġorġ kellu dritt jilbes suttana vjola fis-servizzi liturġiċi, b'faxxa u firjolun vjola, kalzetti suwed, żarbun b'bokkla tal-fidda u kappell b'kurdun bi ġmiemem suwed. Imma minn dan kollu, Dun Ġorġ qatt ma libes xejn!

Dun Ġorġ mhux biss ma tax kas li jagħmel l-ilbies ta' monsinjur, talli ġieli ċċajta fuqu. Is-soċja Mary Azzopardi tgħid li "meta sar Monsinjur, ġie fil-Qasam tagħna tal-Bniet f'Birkirkara, u b'dik is-solita umiltà tiegħu, qalilna: "Għamluni monsinjur ta' sold. Taqtgħux fejn mort nagħmilha l-libsa?'"

Is-superjuri tal-Museum offrietlu li tidħol hi għall-ispejjeż tal-ilbies ta' monsinjur imma Dun Ġorġ ma ried b'ebda mod.

Darba, waqt laqgħa tal-kleru fl-oratorju ta' San Ġwann, wieħed mill-monsinjuri, b'nofs ċajta, qallu: "Ma jmissekx għallinqas iżżid biċċa ħamra taħt il-kullar?" Imma Dun Ġorġ la biċċa ħamra taħt il-kullar ma ried u ebda tiżjin żejjed ieħor.

## LEĦJA TA' MONSINJUR

Darba, qassis missjunarju fl-Indja, li kien qed ikellem lis-soċji tal-Museum waqt il-laqgħa ġenerali tal-Erbgħa, qalilhom: "Kif qalilkom Dun Ġorġ...". Minnufih, Dun Ġorġ tah daqqa t'għajn u bid-daħka qallu: "Isma', jekk jogħġbok, jiena monsinjur!" U kull min kien preżenti infaqa' jidħak.

Darb'oħra biex jiċċajta, waqt laqgħa ġenerali, lis-soċji qalilhom: "Tridux nibdew insejħu lil xulxin 'Monsinjur'?" Waqt laqgħa oħra, qalilhom, "Kont għaddej minn Strada Rjali l-Ħamrun, u wieħed raġel qalli: 'X'leħja għandek Sur Dun Ġorġ!', u jien għedtlu: 'Dik leħja ta' Monsinjur'. Imma, meta tkellem bis-serjetà, Dun Ġorġ qatt ma ried li jsejħulu bit-titlu ta' monsinjur.

## KIF DUN ĠORĠ SPIĊĊA MINN MONSINJUR

Fl-1976, Patri Alexander Bonnici kien kiteb artiklu proprju f'it-TORĊA, bl-isem "Kif Dun Ġorġ spiċċa minn Monsinjur". F'dan l-artiklu, Bonnici fakkar li mal-mewt tal-Papa li jkun għamlek monsinjur int tispiċċa minn monsinjur, u jekk tkun tixtieq tibqa' trid tagħmel supplika lill-Papa l-ġdid għal dan il-għan, xi ħaġa li ovvjament Dun Ġorġ ma għamilx.

Papa Piju XII miet fid-9 ta' Ottubru, 1958. Bonnici jgħid: "Jiena kont ċert li Dun Ġorġ, mingħajr ma tkellem xejn, ħataf din l-okkażjoni biex ma jibqax iżjed monsinjur ... jiena nnifsi tkixxift ma' Mons. Arthur Bonnici, is-segretarju ġenerali tal-arċidjoċesi biex inkun naf jekk saritx xi supplika għal Dun Ġorġ, u ġejt aċċertat li ma saritx. L-Arċisqof Gonzi, la ma ġiex mitlub minn Dun Ġorġ innifsu, ma ftakarx biex jieħu ħsieb li jiġġedded dak it-titlu li kien tħabat għalih hu stess."

Bonnici jtemm jgħid hekk: "Dan hu argument ieħor biex jipprova l-umiltà ta' Dun Ġorġ ... li kieku hu tkellem li ma kienx se jitlob biex il-Papa Ġwanni XXIII jerġa' jaħtru Monsinjur, ir-rinunzja tiegħu kienet issir magħrufa mill-Arċisqof, li żgur kien jitlob il-konferma tiegħu."

"F'dinja, li fiha tant bnedmin jitħabtu għall-unuri fiergħa, il-figura ta' Dun Ġorġ li ssokta jirbaħ lilu nnifsu biex ma jiġġarrabx b'dan, tkompli tikber dejjem iżjed. Fi żmien li matulu, tant bnedmin li ma għamlu xejn speċjali, għadhom jitħabtu u saħansitra jixtru titli ta' kavallieri li ma jiswew xejn, Dun Ġorġ fehem tajjeb li ġieħ veru mhux qiegħed fit-titli li jagħtuk il-bnedmin."

Hekk, fl-aħħar erba' snin ta' ħajtu, hu ma baqax iżjed Monsinjur Preca imma reġa' sar sempliċiment Dun Ġorġ, kif kulħadd kien jafu u kif baqgħu jsejħulu anke wara li ġie ddikjarat qaddis fl-2007.

## BĦAL SAN FILIPPU NERI

Il-qaddis popolari, San Filippu Neri (1515 –1595), magħruf bħala l-Appostlu ta' Ruma, kellu ħbiberija ma' nies għoljin fil-ġerarkija tal-Knisja, ħbiberija li hu nnifsu qatt ma fittixha. Hekk ma naqsulux l-opportunitajiet biex jieħu onorifeċenzi. Il-Kardinal Ippolito Aldobrandini kien l-għaxqa tiegħu jqatta' ħin informali mal-qaddis. Kif dan sar Papa Klement VIII, fl-ewwel udjenza li ta lil Filippu, qallu: "Issa ma tistax taħrab iżjed il-Kardinalat!"

Filippo, li ma riedx jisma' b'unuri, ma wiġbux u fittex skuża biex joħroġ 'il barra, għax beża' li l-Papa, bħal ta' qablu, jinsisti li jagħmlu kardinal. Sħabu tal-Kongregazzjoni li kien waqqaf, xtaquh jaċċettah il-kardinalat imma hu ma riedx bis-saħħa. Jingħad li l-Papa, jew xi qaddej tiegħu, poġġa fuq ras Filippu l-kappell ta' kardinal, imma Filippu bid-daħka fuq fommu għolla l-kappell fl-arja u għajjat: "Nippreferi l-Ġenna" (Preferisco il Paradiso!)

Din l-invokazzjoni spontanja u vivaċi għall-unika glorja tassew li għandu jixtieq Nisrani veru, saret tant magħrufa fost id-dixxipli ta' Filippu Neri li minn dakinhar 'il quddiem saret il-motto tagħhom biex jirbħu kull vanità u suppervja.

Sa mill-ewwel snin tas-Soċjetà tal-MUSEUM, is-soċji dejjem osservaw xebħ bejn Dun Ġorġ u San Filippu Neri.

Is-soċju anzjan John Formosa jgħid: "Lil Dun Ġorġ, kont għedtlu kemm nara xebh bejnu u San Filippu Neri. U Dun Ġorġ qalli, 'Il-ħajja ta' San Filippu Neri studjajtha ħafna', bla ma qal jekk jixbhux jew le."

Fi kliem Alexander Bonnici, il-bijografija ta' Neri li kellu Dun Ġorġ "tidher sewwa kemm intużat għax tħalla fiha l-kallu ta' subgħajh." Irridu ngħidu li kemm Neri kif ukoll Dun Ġorġ għallmu lill-popolin, lill-foqra u s-sempliċi u tawhom is-saħħa jgħallmu huma ukoll lill-oħrajn.

It-tnejn li huma kienu "boloh għal Kristu", u kellhom imħabba speċjali lejn it-tfal, jilagħbu magħhom, jiċċajtaw magħhom, u jgħallmuhom bil-paċenzja u bil-ħlewwa.


SEGRETERIA DI STATO DI SUA SANTITÀ

Sanctissimus Dominus Noster

Pius PP. XII

adlegere dignatus est inter suos Cubicularios intimos Rev Dominum

Georgium Preca

ex Archidioecesi Melitensi.

Quod quidem eidem Rev. Domino Preca opportune significatur.

Ex Aed. Vat., die 2 Octobris 1952

[illegible]

Substitutus Secretariae Status

Il-Biljett tal-Papa li ħatar lil Dun Ġorġ Monsinjur

## PAPA FRANĠISKU BIDDEL IR-REGOLI DWAR IL-MONSINJURI

Inqas minn sena wara li nħatar Papa, nhar is-7 ta' Jannar, 2014, Franġisku biddel ir-regoli fejn jidħlu ħatriet ta' monsinjuri, mossa li tqieset minn ħafna bħala parti mill-ġlieda tal-Papa kontra l-karrieriżmu fil-Knisja u l-ambizzjonijiet personali.

Is-Segretarjat tal-Istat tal-Vatikan ħareġ stqarrija li fiha ddikjara li fid-djoċesijiet, it-titlu ta' "monsinjur" se jibda jingħata biss lil qassisin minn 65 sena 'l fuq. Fl-1968, Papa Pawlu VI diġà kien irriforma s-sistema ta' unuri ekkleżjastiċi u naqqashom, u Franġisku kompla ssimplifika.


Lil Dun Ġorġ kien hawn min sejjaħlu s-San Filippu Neri ta' Malta